GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 18 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 29 ta' April fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

   b) Skeda ta' Ħlas April 2010

   b) Petty Cash April 2010
5. Dikjarazzjoni;
6. Grawnd tal-futbol;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 17 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

1. It-tournament tal-futbol sar fl-24 ta' April 2010 u l-parteċipanti ingħataw ċertifikat mis-Sindku.

2. Dwar item 3.6 is-Sindku attenda għal Seminar li sar mit-Transport Malta. Is-Sindku qal li dan is-Seminar kien fuq tagħrif kif ser tibda taħdem it-Transport Malta, dwar organizzazjoni tat-Traffic Management, kif ukoll dwar is-sistema li l-Water Services Corporation trid tibda tagħmel ix-xoghol. Din il-kumpanija wara li tlesti ix-xogħol trid tippaċċja u tagħmel reinstatement tal-*hot tarmac*. Trid ukoll tuża tabelli u bollards waqt ix-xogħol.

3. Dwar l-offerta li l-Kunsill fetah waqt il-laqgħa Nru. 17 għas-"Sustainable Energy Action Plan for the locality of Għaxaq" is-Segretarju kitbet lill-kumpanija Econoning Engineering Consultancy Ltd., biex tistaqsi dwar il-prezz ikkwotat u din il-Kumpanija wieġbet li kkwotat dan il-prezz globali minħabba l-bid bond li kellha tkun ta 10% iżda issa kkwotat il-prezz fis-siegħa li huwa ta' €24.67 li jinkludi l-VAT u charges. Il-Kunsill qabel li l-kumpanija EEC Ltd tingħata l-offerta.

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u emails):-

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna kopja dwar id-Devoluzzjoni tat-Turretta li d-Dipartiment bagħat lid-Diviżjoni tal-Proprjeta' tal-Gvern.
   Mid-Dipartiment bagħatu wkoll il-vawċers sabiex jinxtraw kotba mingħand *Merlin Library* li jammontaw għal € 230 u l-kumplament € 236 dan jingħata wara li l-Kunsill ikun xtara l-kotba u jippreżenta l-irċevuta ta' xiri tagħhom.
   Mingħand is-Sur Natlino Attard, Direttur Ghal Gvern Lokali fejn informana li l-kuntratt tiegħu skada u ma ġiex imġedded.
   Mid-Dipartiment fejn infurmaw li s-Seminar li ser jiġi organizzat mill-MEUSAC huwa obbligatorju li jmur rappreżentat minn naħa tal-Kunsill, fejn l-iskrivana part-time marret il-ġurnata kollha filwaqt li s-Segretarja marret wara nofs in-nhar. Is-Segretarja qalet li waqt dan is-Seminar tkellmet is-Sinjura Maria Rauch, kelliema Portugiza li ghanda snin twal ta' esperjenza fi progetti ghal ghajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. Is-Sinjura Rauch spjegat kif l-ewwel għandhom jiġu dentifikati proġetti li jridu jsiru u wara jiġu mfittxija l-fondi għalihom skond taħt liema skema jaqgħu. Filwaqt li spjegat kif għandu jibda l-proġett qalet ukoll li l-aktar proġetti li dejjem jirnexxu huma dawk li jkunu saru bi sħab fejn jingħaqdu reġjuni flimkien u b'hekk ir-rizorsi jkunu akbar.

Irċevejna Mitsoqsija Parlamentari PQ Nru. 16384 dwar kiri ta' l-Uffiċċini tal-Kunsill Lokali. Ġiet imwieġba.
Infurmaw wkoll li dwar Memo 52/2010 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal korsijiet lifelong learning, ser issir laqgħa fil-31 ta' Mejju, 2010, fejn ser tiġi diskussa aktar fid-dettal.
Mid-Dipartiment infurmaw ukoll li ser isir seminar dwar is-servizzi u d-diversi proġetti ta' l-ETC li ser isir fis-6 ta' Mejju, 2010.Ser jattendu is-Sindku u s-Segretarju.
Għarfuna wkoll li fir-rigward ta' Memo 12/2010 għal Għajnuna għat-Tħawwil ta' siġar infurmaw li t-talba tagħna ġiet milqugħa u peress l.i d-domanda kienet kbira il-Gvern Ċentrali ser joħroġ 2/3 mill-ispiża u l-kumplament il-Kunsill, fejn id-Dipartiment irid risposta sal-5 ta' Mejju, 2010. Minħabba li s-somma ta' €5000.00 hija somma sostanzjali, is-Sur Abdilla ssugerixxa li l-Kunsill jistaqsi d-Dipartiment għalhiex is-sigar se jiswew €100 il-wahda, u x'tip ta' sigar huma. Il-Kunsill qabel.
Irċevejna wkoll Memo 53/10 PQ Nru. 15042, dwar l-ispejjeż li l-Kunsill nefaq marbuta mal-Karnival, fejn din ġiet imwieġba.
Memo 54/10 tittrata dwar PQ Nru. 15044 fejn talbu ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2009 u l-Budget għas-sena 2010, fejn dawn ġew mibgħuta.
Memo 55/10 dwar PA Nru. 15047 u 15051 dwar il-laqgħa annwali tal-Kunsill u dwar l-għarfien tar-residenti rigward il-Budget rispettivament, fejn dawn ukoll ġew imwieġba.
Memo 56/10 dwar PA 16382 u 16383 dwar jekk sarux xi ħlas ta' Danni u dwar Safar mill-Kunsill Lokali bejn 2003/2010.
Memo 57/2010 dwar jekk il-Kunsill kiseb flus mill-programm Italia-Malta.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna dwar il-Konferenza li ser isir dwar il-*Lifelong Learning Programme*, fid-19 ta' Mejju, 2010, ser tattendi s-Segretarju.
Infurmaw ukoll li fadal xi 3 TV *Slots* għal min irid jagħmel diskors fuq il-Kunsill.
Mill-AKL għarrfu sabiex inġeddu il-polza tas-saħħa, flimkien mal-formola.
Infurmaw ukoll li s-Seduta li jmiss fir-rigward tal-kawża ma' Dr. I. Sammut ser isir fl-1 ta' Ġunju, 2010, fis-2:00 p.m.
Mill-AKL infurmaw li ser issir laqgħa għar-Reġjun tan-Nofsinhar fl-10 ta' Mejju, 2010.
Bagħatu wkoll xi tagħrif rigward il-*Covenant of Mayors* li se jsir iffirmar ta' ftehim nhar l-4 ta' Mejju, 2010.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 860/10 sabiex jerġa jġedded il-Permess bin-Nru. 3886/04 fi Triq il-Merill.
Applikazzjonijiet Ġodda Bin-Nru. PA 5997/09 sabiex jinbnew *residential units* fi Triq il-Barklor u PA 898/10 sabiex jinbena garaxx *semi-basement* fi Triq Scicluna Hernandez.
Infurmawna dwar l-Appell tas-Sur Emanuel Magro li ser isir fil-5 ta' Mejju, 2010.

4. Mill-OPM infurmaw dwar it-taħriġ li ser isir għas-Segretarji Eżekuttivi fit-13 u l-14 ta' Mejju, 2010.

5. Mingħand Debono tat-*Transport Malta* dwar ix-xogħol tat-toroq li qed isir ġewwa Ħal Għaxaq, rigward it-traskuraġni minn naħa tal-kuntrattur.
Mit-*Transport Malta* infurmaw dwar *Road Humps* mhux approvati fi Triq il-Gistakor biex jitneħħew kif ukoll biex titneħħa oħra tar-*rubber* mhux approvata minn Vjal l-Labour.

6. Mill-MEUSAC infurmaw dwar xi seminars li ser isiru dwar IEE fil-21 ta' April, 2010.
*Training Seminar :- Getting Through EU Funds* fis-26 ta' April, 2010.
*Business Breakfast :- Workers on the Move* fit-3 ta' Mejju, 2010.

7. Mingħand Ecoing fejn infurmaw li rata fis-siegħa għal kwotazzjoni tas-*SEAP* hija ta' € 24.67.

8. Mingħand id-*Datatrak* rigward is-sistema ta' LES il-ġdida.

9. Mill-ETC infurmaw li dwar l-Iskema Xogħol fil-Komunita' ser jiżdied ħaddiem ieħor is-Sur Rennie Mercieca. Hawnhekk is-Sinjura Agius staqsiet x'inhuma jagħmlu l-ħaddiema ta' l-ETC u għax ma jneħħux il-ħaxix tas-*central strip*. Is-Sindku wieġeb li qegħdin jieħdu ħsieb il-ġnien.

10. Mingħand l-*accountant* fejn niżżel il-punti tiegħu fir-rigward tal-*Management Letter*. Is-Sur Abdilla qal li jeħtieġ li ninfurmaw l-awdituri li d-donazzjonijiet li ta l-Kunsill kienu skond il-Financial Regulations u meta donazzjonijiet ma setgħux jibqgħu jingħataw dawn ma ngħatawx aktar. Is-Segretarju qalet li ser tinforma l-awdituri.

11. Mingħand Joseph Cachia & Sons Ltd. dwar is-servizzi li joffru tad-dwal tat-toroq.

12. Stedina mill-Kunsill Lokali Floriana għal 'Ħodon Fjuri lil San Publju', fis-16 ta' April, 2010.

13. E-mail mingħand is-Sur J. Cachia dwar *Youth Exchange in Karlovo, Bulgaria*.

14. E-mail mingħand Silvio Schembri – GAL Xlokk, għarraf li ser isir laqgħa fil-5 ta' Mejju, 2010, ġewwa l-Kunsill Lokali Kirkop.

15. Stedina mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp lill-Kunsill kollu f'għeluq 10 Anniversarju mill-ftuħ tal-Każin fid-29 ta' Mejju, 2010.
Talbu wkoll sabiex jinħarġulhom xi permessi biex jarmaw bar fl-apert. Il-Kunsill qabel li tintalab sketch ta' kif se jarmaw il-bar.

16. Mingħand il-Kumitat Kongunt irċevejna ċekk ta €5044.11, dan hu l-ammont li kien sekwestrat mil-kont tal-HSBC minn Dr. Ivan Sammut.

17. L-Uffiċċju tal-Prim Ministru ikkonferma li rċieva l-ittra tas-Sindku dwar ir-Rock Cut.

18. Il-WSC bagħatu lista ta' xogħolijiet li saru fl-2007 biex jiġu konfermati.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet ittra lil Fr. J. Inguanez fejn għarrafnih li ser nagħtuh 'Ġieħ Ħal Għaxaq', fejn ikkonferma li ser jaċċetta dan l-unur.

b) Lis-Sur Chircop fejn tlabna estensjoni tal-Permess 223/10 u 1148/09 għal tlett ġimgħat oħra.

c) Lil-Perit Ellul fejn tlabna sabiex niltaqgħu miegħu.

d) Lill-Ispettur Mercieca dwar l-impjant tar-*Rock Cut* ta' Triq ic-Cimiterju.

e) Lid-Direttorat tal-Edukazzjoni biex isiru korsijiet ta' tagħlim bażiku fl-Ingliz u Malti f'Ħal Għaxaq.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* Il-Viċi Sindku fiehem l-aġġustamenti li saru mill-*Accountant* fir-Rapport Finanzjarju (App. A). Is-Sur Abdilla rrakomanda li r-rapport ikun approvat u l-proposta kienet sekondata mis-Sinjura Agius.

*4.1.2* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul April u li kienu jammontaw għal €12.84. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.3* *Skeda ta' Ħlas –April 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2010 u li jammontaw għal €18,126.95. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Dikjarazzjoni

Il-Viċi Sindku qal li ġie avviċinat minn xi nies, u persuna partikolari li l-Kunsill ta' qabel 2006 ħalla ħafna dejn u li hu bħala Sindku ta' dak iż-żmien jiċħad dan li qiegħed jingħad. Qal ukoll li l-Awdituri qatt ma' sabu dejn, kull darba fl-aħħar tal-Kunsill bilfors ikun għad hemm ħlasijiet li jridu jitħallsu mill-Kunsill ta' wara minħabba li s-sistema finanzjarja kienet differenti. Is-Sur Abdilla ppreżenta dikjarazzjoni bil-miktub u talab li tiġi mhemuża mal-Minuti tas-seduta. Qal ukoll li din id-dikjarazzjoni għamilha f'isem il-Kunsill ta' qabel meta hu kien Sindku u mir-rapporti ta' l-Awdituri kulħadd jista' jiċċekkja li jrid. Qal ukoll li qiegħed jingħad li l-Kunsill għandu d-dejn mal-Kuntrattur (id-Dobbu) qal li ċertu diskors ma jingħadx għalxejn. (App. B)

**6. Grawnd tal-futbol**

Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jitfa' applikazzjoni għall-emendi li saru fil-pjanta tal-grawnd. Qal ukoll li l-Perit għamel l-emendi tad-dawl, ilma, arbli u r-rampa tal-persuni b'diżabilita' bil-biro u ma ġietx aċċettata mil-MEPA. Qal ukoll li issa fil-pjanta emendata se titneħħa l-kamra ta' li stage biex li stage jinżel ftit l-isfel. Żied jgħid li jekk il-Kunsill jintalab jerġa' jħallas għall-applikazzjoni ġdida hu kien se jkellem lill-Perit biex din iħallasha hu u mhux l-Kunsill.

**7. Rock Cut**

Dwar ir-Rock Cut is-Sindku qal li din il-kumpanija baqgħet għaddejja bix-xogħol. Is-Sindku kiteb lill-Prim Ministru f'isem il-Kunsill dwar din il-kumpanija u rċevejna *acknowledgement* li fiha qalilna li għadda kollox lill-MEPA. Qal ukoll issa jekk ma jsir xejn jikteb is-Supretendent biex imexxi b'taħrika.

Il-Viċi Sindku s-Sur Abdilla qal li l-aħjar hu li l-Kunsill jibgħat ittra bl-Avukat lill-pulizija li mhux qegħdin jieħdu passi u jibgħat kopja lill-MEPA. Jekk il-pulizija ma jieħdux azzjoni l-Kunsill se jkollu jieħu pass aktar il-quddiem.

**8. Jum Ħal Għaxaq**

Dwar Jum Ħal Għaxaq, is-Sindku qal li l-wirja tal-karozzi ma saretx minħabba x-xita u għalhekk ser issir oħra f'Ġunju. Il-Ħarga kulturali li kellha ssir ma saritx għax ma kienx hemm konkorrenza biżżejjed. Il-logħba futboll ma saretx lanqas minħabba li l-Għaqdiet kellhom il-kompetizzjoni tan-nar.

**9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Il-Kunsillier Attard staqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob devoluzzjoni tal-grawnd tax-xagħra, dan qal li issa dan hu tal-Gvern. Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill issa jara x'kundizzjonijiet hemm u l-Kunsill japplika.

**Is-Sur Abdilla kellu jħalli l-kamra fit-3.45pm minħabba xogħol personali.**

2. Il-Kunsillier Picco qal li hemm farm fi Triq Carmelo Rosario Dimech li jaħseb li hu llegali. Is-Sindku qal li hu għamel rapport dwar dan u sab li dan il-farm hu legali u għandu l-permess. Is-Sindku qal ukoll li issa navviċinaw id-Dipartiment ta' l-Agrikultura biex jagħtina bil-miktub jekk dan il-farm hux bil-permess. Il-Kunsill qabel.

3. Dwar il-fuljett il-kunsillier Picco qal li nsibu ftit ritratti biex ninkluduhom fil-fuljett. Is-Sindku qal li għandu ritratti. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Kunsillier Picco qal li hemm il-ħtiega li jinxtara mobile u card tal-Kunsill biex ċertu nformazzjoni tkun tista' tintbaghat lin-nies permess ta SMS. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Kunsillier Picco kompla jgħid li hu jaqbel ħafna mad-diskors li qal Rev. Dr. Jor Inguanez biex isir programm għal Ħal Għaxaq biex bħal ma jsiru fi rħula oħra, issir ġurnata Ħal Għaxaq fejn issir xi wirja jew xi ħaġa oħra. Il-Kunsillier Attard qal li l-aħjar jinħatar kumitat, il-Kunsillier Picco qabel li jsir kumitat taż-żagħżagħ.

6. Is-Sindku qal li biex issir attivita' kbira il-Kunsill jista' japplika għal fondi.

7. Is-Sindku qal li hemm il-ħtiega li tinġieb kwotazzjoni biex inħaffru t-toqob b'Hymac u għat-tappieri tal-ħadid. Il-kunsill qabel.

8. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tinġieb gaffa biex jitwitta' Wied Dalam. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sur Vassallo qal li jridu jsiru sinjali tat-toroq għal parking fi Triq il-Wilġa. Il-Kunsill qabel.

10. Il-Kunsillier Picco staqsa jekk jistax isir parking base ieħor wara l-knisja iżda s-Sindku qal li hemmhekk hemm *yellow line* u ma jistax isir parking.

11. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-ħtiega ta' mera miż-żgħar ma' pole fuq il-bankina fi Triq San Filippu minħabba li jridu joħorġu f'nofs it-triq biex jaraw hux ġejjin karozzi residenti li għandhom il-garaxxijiet hemm. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sinjura Agius qalet li hemm il-ħtiega li l-Kunsill jiffriska ż-żebgħa ta' l-art fi Triq il-Ħareb. Il-Kunsill qabel.

## 9. Aġġornament

Is-Sindku fl- 4.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010 fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- It-Tnejn 17 ta' Mejju 2010 fis-2.00pm